# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- ART. 77B TAL-KAP. 16 -**

**- IL-PROVA TAD-DNA –**

## Illum 29 ta’ Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru. 177 / 14RGM

Kawza fil-lista: 28

**A B f’isimha proprju u bhala kuratrici ad litem**
**ta’ wliedha minuri C B, D B, E B u**
**F G B u dan permezz ta’ digriet datat 20 ta’ Awwissu 2014**
**vs**
**H B;**
**F I; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-7 ta’ Awwissu 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi A B omm ir-rikorrenti minuri C B, D B, E B u F G B, izzewget lil H B nhar il-15 ta' Mejju 1992;

2. Illi A B u H B ilhom ghal snin twal ma jghixu, jabitaw, jew ikollhom xi tip ta' relazzjoni bejniethom u kif kienu awtorizzati minn digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), tat-30 ta' Jannar 2008, huma resqu

ghall-kuntratt tas-separazzjoni personali konsenswali quddiem in-Nutar Dr Nicholas Briffa nhar 1-14 ta' Frar 2008;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu J fis-sena 1993, K fis-sena 1995 u L fis-sena 1997;

4. Illi A B ilha ghal snin twal f'relazzjoni ma’ F I u minn liema relazzjoni twieldu sitt itfal fosthom C B, D B, E B u F G B;

5. Illi stante li l-minuri C B, D B, E B u F G B twieldu qabel ma' A B u H B sseparaw u ghalhekk 1-istess minuri gew registrati bhala wlied l-intimat H B hekk kif jidher mill-Atti tat-Twelid anessi mal-att;

6. Illi l-missier bijologiku ta' C B, D B, E B u F G B ma huwiex l-intimat H B izda l-intimat F I;

7. Illi fi klawsola numru 30 tal-kuntratt tas-separazzjoni personali ta' bejn A B u H B datat 1-14 ta' Frar 2008, A B ddikjarat illi t-tfal Marcon, C B, D B, E B u F G B ma humiex wlied l-intimat H B izda huma wlied l-intimat F I wara li l-istess A B kellha relazzjoni extra-maritali mieghu;

8. Illi b'hekk ic-certifikati annessi tat-twelid tal-minuri juri dettalji skorretti u mhux veritieri billi isem il-missier jindika persuna mhux veru l-missier;

9. Illi l-intimat H B ma jistax ikun missier il-minuri C B, D B, E B u F G B peress illi huwa u omm il-minuri A B ma kellhomx relazzjoni intima bejn it-tlett mitt (300) jum u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel u wara t-twelid tal-erba' minuri;

10. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti minuri;

11. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:

a. Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi ir-rikorrenti minuri C B, D B, E B u F G B huma effettivament ulied l-intimat F I u mhumiex l-ulied bijologici tal-intimat H B kif indikat fl-Atti tat-Twelid relattivi bin-numri 3908/2002, 3909/2002, 190/2006 u 4120/2007 rispettivament;

b. Konsegwentament jigu korretti l-Atti tat-Twelid relattivi bin-numri 3908/2002, 3909/2002, 190/2006 u 4120/2007 rispettivament sabiex jirrifletti l-verita' dwar il-paternita' tar-rikorrenti minuri;

Ghaldaqstant in vista tal-premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat H B m'huwiex l-missier naturali tal-minuri C B, D B, E B u F G B;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali tal-minuri C B, D B, E B u F G B huwa l-intimat F I;

3. Konsegwentament tordna li jithassru d-dettalji tal-intimat H B mill-kolonna mill-kolonna "lsem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" mic-certifikati tat-twelid tal-minuri u jigu sostitwiti bid-dettalji tal-intimat F I.

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri C, D, E u F G billi jigi ikkancellat isem H B bhala il-missier it-tarbija u minflok jigi inserit 1-isem il-missier naturali tal-minuri, cioe F I kif wkoll illi kunjom il-minuri jigi mibdul minn C B, D B, E B u F G B ghal C I, D I, E I u F G I u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri ;

5. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri C, D, E u F G prezentament maghrufa bil-kunjom B u f'kull att iehor relattiv u sussegwentament ghall-imsemmija certificati tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut H B pprezentata fit-18 ta’ Settembru 2014 li taqra kif gej:-

Illi ga ladarba huwa mhux il-missier naturali ta' dawn l-erbgha ulied minuri (4), li twieldu fil-fatt fil-mori tas-separazzjoni personali tieghu minn ma' martu, huwa ma ghandu ebda interess fil-proceduri odjerni u ghalhekk jirrimettu ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-3 ta’ Ottubru 2014 li taqra kif gej:-

1. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri C, D, E u F G B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemrn f'dan l-ambitu 1-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu

ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gumata u l-mija u tmenin gumata qabe1 it-twelid tal- minuri C, D, E u F G B, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat F I u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil F I bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri C, D, E u F G B, u dan ai termini tal-artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal-premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C, D, E u F G B ma jaqbilx mal-att tat- twelid taghhorn bin-numru ta' iskrizzjoni 3909/2002, 3908/2002, 190/2006 u 4120/2007 rispettivament;

4. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess F I sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji persona li kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieldu il-minuri C, D, E u F G B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmi minuri C, D, E u F G B, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsernmi missier patem kienx ghadu haj meta twieldu il-minuri C, D, E u F G B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti C, D, E u F G B;

5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din 1-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti wkoll li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem H B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3909/2002, 3908/2002, 190/2006 u 4120/2007;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli gnal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

Permezz tal-affidavit minnha pprezentat l-attrici taghti spjegazzjoni dwar il-fatti antecedenti l-kawza odjerna:

*"Jiena zzewwigt lil H B fis-19 ta' Mejju 1991 u ma bqajnix nghixu flimkien f'Ottubru 1998. Fl-istess xahar jiena bdejt relazzjoni ma' F I u din ir-relazzjoni ghada ghaddejja.*

*Fl-10 ta' Jannar 2000 kellna l-ewwel wild, Marcon. Marcon fic-certikat tat-twelid kienet tnizzlet bhala bint H B, izda wara li H B beda proceduri legali sabiex Marcon ma tibqax iddikjarata bhala bintu u wara li sar l-ezami tad-DNA, il-Qorti ordnat li kunjom Marcon jinbidel ghal dak I, minhabba l-fatt li rrizulta li F I huwa missier Marcon.*

*Minn dina r-relazzjoni twieldu hamest it-tfal ohra, D, C, E, F G u Zean. Zean it-tifel iz-zghir li ghandu sentejn kunjomu fic-certifikat tat-twelid huwa mnizzel bhala I u dana minhabba l-fatt li meta twieled jiena kont sseparata permezz ta' separazzjoru bonarja minn ma H B.*

*Madanakollu D, C, E u F G minkejja li huma wlied F I fic-certifikat tat-twelid kunjomhom huwa ndikat bhala B u dana minhabba l-fatt li meta twieldu jiena kont ghadni minix legalment separata minn ma H B."*[1]

B'digriet tal-5 ta' Novembru 2014 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA fuq A B, F I u l-erba minuri mertu tal-kawza odjerna.

Fit-23 ta' Gunju 2015 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapporti tad-DNA fir-rigward tal-erba minuri u l-ġenituri taghhom. Dr Cassar iccertifikat li l-erba' minuri huma l-ulied bijologici tal-konvenut F I.

Ikkunsidrat;

**IL-FONDAMENT LEGALI TAL-AZZJONI ATTRICI.**

**Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat*

[1] Fol. 72

*quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

**Artikolu 77 D tal-Kap 16** jipprovdi illi "F'kawżi li għalihom jagħmlu referenza l-artikoli 77, 77A, 77B u 77Ċ, il-qorti tista' tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruħhom għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A."

**Artikolu 70 A tal-Kap. 16 :**

" (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –

(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;

(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun."

Ikkunsdirat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Permezz tax-xhieda tal-attrici gie ppruvat sodisfacentement illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt guranta u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-erba' minuri hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut I.

Jirrizulta wkoll illi l-pussess ta' stat tal-erba' minuri huwa li huma ulied il-konvenut I u ghalhekk mhux konformi mal-att tat-twelid taghhom li ghadu juri li missierhom huwa ir-ragel tal-attrici minnu llum separata legalment.

L-aqwa prova f'kawzi ta' din ix-xorta huwa t-test tad-DNA. Dr Marisa Cassar fil-kwalita' taghha ta' espert gudizzjarju ikkonduciet it-testijiet tad-DNA u ccertifikat li l-erba' minuri huma ulied il-konvenut F I..

L-attrici ippruvat sodisfacentement il-kawzali minnha mressqa permezz tar-rikors guramentat taghha,.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti,

1. Tilqa’ t-talbiet attrici kollha.

2. Tordna li fl-atti tat-twelid tal-erba’ minuri jigu kancellati l-kelma “the said”.

3. Tordna li flimkien ma’ isem il-konvenut I jigu inseriti wkoll il-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-atti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici A B u l-konvenut F I.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**